**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josephine Cutajar

Vs

Queen's Dry Cleaners

CCT 13/21/MM

Illum, 10 ta' Mejju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-27 ta' Jannar 2021 fejn talbet is-somma ta' mija u disgħa u tmenin Ewro (€ 189), rappreżentanti prezz ta' ġakketta li allegatament tilfet is-sura tagħha wara li r-rikorrenti ħaditha għand l-intimati għal *dry clean.*
Ra r-risposta ta' Queens' Dry Cleaners li permezz tagħha eċċepiet illi it-tip ta' ġakketta tar-rikorrenti għandha din l-impressjoni ta' tikmix kif ukoll li l-ġakketta kienet bi tbajja li ma setgħux imorru.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienet qagħlat din il-ġakketta bħala rigal f'Diċembru 2019 b'valur ta' Euro 189.00. Din il-ġakketta ttieħdet għand l-intimata għal *dry clean* iżda dan ma sarx a sodisfazzjoni tar-rikorrenti. Kemm hi u żewġha jsostnu li l-ġakketta ma baqgħetx iżjed *puffed* filwaqt li t-tbajja' li kien hemm fuq il-ġakketta baqgħu hemm.

Illi Claudio Azzopardi għas-soċjeta' intimata jikkonferma illi l-ġakketta ġiet bit-tbajja' u dawn hem baqgħu. Huwa jispjega li l-ilment tar-rikorrenti kien unikament fuq it-tikmix li effettivament huwa n-natura tal-materjal tal-ġakketta b'dan illi t-tbajja' huma inaffettwati mid-*dry clean* minħabba li t-tneħħija tat-tbgħajja mhuwiex l-għan tiegħu.

Ikkunsidra
Illi f'dan il-każ l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna t-tikmix li allegatament irriżulta wara li l-ġakketta in kwistjoni ttieħdet għal *dry clean*. Illi minkejja li fil-mori tal-kawża ssir referenza għal xi

tbajja' li ma tneħħewx fuq din il-ġakketta, kemm dak dikjarat mal-avviż tat-talba tar-rikorrenti u anki fix-xhieda prinċipali tagħha hija tiffoka biss fuq it-tikmix.

Illi min-naħa waħda r-rikkorrenti ssostni li t-tikmix qatt ma kien hemm filwaqt li l-intimata tisħaq li n-natura tal-ġakketta u t-tip ta' materjal tagħha huwa suxxettibli għat-tikmix.

Illi t-Tribunal ma jħossx li r-rikorrenti fuq bażi ta' probabbilta' ppruvat il-każ tagħha, dan iktar u iktar meta dan it-Tribunal huwa sajjem minn provi li jindikaw kif kienet il-ġakketta qabel ma ttieħdet *dry clean* u ċertament mhux il-każ li r-rikorrenti tippreżenta ritratt ta' ġakketta oħra biex tagħti eżempju lit-Tribunal ta' kif kienet il-ġakketta pero' fl-istess nifs tikkonferma li ma hijiex bħala.

Illi t-Tribunal ħa wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li kien hemm trepass ta' madwar sentejn minn meta nxtrat il-ġakketta u infetħet il-kawża u għalhekk din il-ġakketta ma setgħax tkun ippreżervata fl-istat oriġinali tagħha, liema użu ma jistgħax ikun imputabbli lill-intimata.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż konta r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru